**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Nru: 1715/2015 AF**

**Mario Magri**
**Anton Magri**
**Peter Magri**
**Miriam Sciberras**

**vs**

**Carmelo Magri**
**Angelo Magri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Mario Magri, Anton Magri, Peter Magri u Miriam Sciberras li permezz tieghu din il-Qorti ntalbet li zzomm lill-intimati milli jsakkru, jaghmlu xogholijiet u/jew jinkarigaw terzi iwettqu xogholijiet u/jew jostakolaw jew ifixklu lill-esponenti mid-dritt ta' tgawdija tal-istess ambjenti li huma flimkien mal-intimati huma ko-proprjetarji u cioè:

i) Is-sehem ta' nofs (1/2) indiviz taz-zewgt (2) ikmamar li thallew bhala legat lill-intimati Carmelo u Angelo Magri li

jinsabu gewwa r-razzett maghruf bhala "Magri Farmhouse" gia formanti parti mill-ghalqa msejha "Tal-Hniena" fil-kontrada tal-Hniena, limiti tal-Qrendi kif deskritt fit-testment tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002) fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, hawn anness bhala Dokument MM1;

ii) Is-sehem ta' zewg terzi (2/3) indiviz tal-passagg accessibbli minn sqaq bla isem li jaghti fuq Triq il-Fulija, limiti tal-Qrendi, u

iii) Is-sehem li ghanndhom l-intimati fiz-zewg (2) porzjonijiet ta' raba tal-kejl kull bicca ta' elf disa mija u sitta u erbghin metri kwadri, accessibbli minn fuq il-parti komuni, fuq imsemmija;

iv) Kif ukoll is-sehem li ghandhom fir-raba formanti parti mill-ghalqa imsejha "Tal-Hniena" fil-kontrada tal-Hniena, limiti tal-Qrendi, accessibbli mill-passagg komuni gia deskritt li jizbokkaw fi sqaq li jizbokka fi Triq il-Fulija, limiti tal-Qrendi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Carmelo Magri u Angelo Magri li, permezz taghha, ghar-ragunijiet fiha mfissra sostnew li t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 testwalment jipprovdi illi:

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

Minn dan johrog illi l-ligi tesigi li jissussistu zewg rekwiziti flimkien sabiex tkun gustifikata talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, u cioè, l-jedd pretiz imqar prima facie u l-pregudizzju li jigi rekat lir-rikorrenti jekk il-mandat ma jintlaqax. L-insenjament ta dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti (ara per ezempju Mugliett vs Bonnici – Prim'Awla 25 ta' Jannar 2005).

Fil-kaz in ezami, r-rikorrenti qeghdin jitolbu lill-Qorti zzomm lill-intimati milli jesegwixxu xogholijiet fi proprjetà li ghandhom in komun mal-istess rikorrenti. Il-fatt li l-partijiet ghandhom proprjetà in komuni bejniethom m'huwiex kontestat. Il-Qorti qieset ukoll fil-kuntest l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 1149/14 mahrug fuq talba tal-intimati odjerni fil-konfront tar-rikorrenti.

Mid-dokumenti esibiti l-jedd pretiz mir-rikorrenti huwa 'prima facie' pruvat. Il-Qorti f'dan l-istadju m'hijiex qeghda b'xi mod tippregudika l-mertu tal-vertenza ezistenti bejn il-partijiet, vertenza din li tibqa' rizervata ghal dik il-Qorti li qeghda tikkonsidra l-kawza. Il-Qorti tinsab sodisfatta inoltre illi jekk isiru xogholijiet fil-proprjetà komuni qabel mal-vertenza tigi finalment deciza, dan ikun zgur ta' pregudizzju ghall-komproprjetarji. Il-Qorti qieset ukoll f'dan il-kuntest l-Art. 493 tal-Kap. 16 li testwalment jipprovdi illi:

*"Ebda komproprjetarju ma jista' jagħmel tibdil fil-ħaġa in komun mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra, lanqas jekk jidhirlu li dak it-tibdil hu ta' ġid għal kulħadd."*

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' definittivament it-talba ta' Mario Magri, Anton Magri, Peter Magri u Miriam Sciberras kif kontenuta fir-rikors taghhom tal-4 ta' Novembru 2015.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

IMHALLEF